GUDJA

Minuti tas-sebgħa u għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 05 t'April 2011.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillier; | Anthony Dalli |
| Skużati: | Kunsillieri; | Mark Anthony Sammut u Osvaldo Pace |

Agenda:

1. Proġett ta' toroq (Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun) u Bankina fi Triq William Baker Gudja.

2. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-6.15p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

Peress li din kienet laqgħa msejħa b'urġenza ma kienx hemm qari u approvazzjoni tal-minuti.

**1. Proġett ta' toroq (Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun) u Bankina fi Triq William Baker Gudja.**

1.1 Il-Kunsill qabel li jsir test ta' l-għoti tal-konkos tal-bankina li saret fi Triq Ħal Resqun.

1.2 Il-Kunsill qabel u approva li jsir pagament ta' €10,000.00 dwar il-bankina ta' Triq Ħal Resqun. Il-Kunsill qabel ukoll illi l-bilanċ ta' €2111.19 jitħallas wara li jsiru t-testijiet meħtieġa u l-Kunsill ikun sodisfatt b'dawn it-testijiet sabiex jiġi assigurat li ngħata ħxuna ta' konkos skond kif miftiehem fid-dokumenti tat-tender.

1.3 Xogħol ta' asfalt fi Triq Ħal Resqun Gudja. Il-Kunsill ra li kif din it-triq issa hija lesta u li għandhom isiru t-testijiet dwar jekk iżommux ilma kif ukoll dwar is-saħħa u stabilita ta' wiċċ it-triq.

Il-Kunsill iddiskuta li kienu diġa saru xi ilmetni dwar li f'xi partijiet jinżamm l-ilma.

Il-Kunsill qabel li jintefa bowser ilma sabiex jinstab fejn qiegħed iżomm l-ilma u wara jitlob lill-kuntrattur sabiex jagħmel dak meħtieġ qabel ma jsiru l-pagamenti.

1.4 Il-Kunsill qabel ukoll li jsiru 'visual inspections' sabiex jiġi assigurat li kull xogħol, speċjalment xogħol ta' trinek ikun sar sewwa u kif meħtieġ.

1.5 Il-Kunsill qabel ukoll illi jinforma lill-kuntrattur illi sa mhux aktar tard mit-08 t'April 2011 ix-xogħol kollu ġewwa din it-Triq Ħal Resqun għandu jkun lest, żbarazatt u preparat għaċ-ċertifikazzjoni tal-Perit William Lewis.

1.6 Triq l-Awrekarja Gudja.

Il-Kunsill qabel li jinforma lill-kuntrattur Mangion Brothers Żurrieq Ltd sabiex jibda x-xogħol ġewwa din it-triq billi jagħmel it-tabelli meħtieġa dwar it-Traffic Management sabiex jiġi evitat kemm il-perikolu kif ukoll l-inkonvenjent bla bżonn għar-residenti.

Il-Kunsill qabel li x-xogħol jibda fit-12 t'April 2011 u li għandu jispiċċa sa mhux aktar tard mit-12 ta' Mejju 2011.

Jekk ix-xogħol jestendi wara t-12 ta' Mejju 2011 il-Kunsill jimponi l-multi kif kontemplati fid-dokumenti dwar it-tender.

Il-Kunsill qabel ukoll illi jekk tkun hemm xi ċirkustanzi li ma tkunx prevista li b'hekk ix-xogħol ma jkunx sejjer ikun lest sad-date tat-12 ta' Mejju 2011, tkun id-deċiżjoni u fid-diskrezzjoni unika tal-Kunsill li jkun jista' jestendi d-data wara t-12 ta' Mejju 2011.

Jekk u meta tinqata tali ċirkustanza l-Kuntrattur għandu javża lill Perit tal-Kunsill (Perit William Lewis) immedjatament li tkun sejra titawwal id-data ta' 12 ta' Mejju 2011 data stabbilita dwar it-tkomplija tax-xogħol kif meħtieġ. Il-Kunsill mhux sejjer jaċċetta jew jikkonsidra għal xi xogħlijiet li jistgħu ikunu meħtieġa iżda li (1) ma jkunux skond ir-rati tal-kuntratt oriġinali (2) jekk ma jkunx hemm talba bil-miktub mill-kuntrattur minn qabel (3) liema approvazzjoni għal dawn ix-xogħlijiet trid issir mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv wara li din il-varjazzjoni tkun ġie tiskussa mal-kunsillieri kollha (anke b'telefonata jew verbalemnt) u wara li dawn ikunu ikkonfermaw din il-varjazzjoni mitluba permess ta' email jew mezz ieħor bil-miktub li juri l-aċċetazzjoni ta' din il-varjazzjoni.

1.7 Laqgħa mal-kuntrattur Mangion Brothers Żurrieq Ltd.

F'dan l-istadju tal-laqgħa ġie deċiż li jidħlu r-rappreżentanti tal-kuntrattur fejn ġie spejgat lilhom dwar dak li ġie deċiż mill-Kunsill kemm dwar Triq Ħal Resqun kif ukoll dwar Triq l-Awrekarja.

Dwar it-talba tal-kuntrattur għal xogħlijiet dwar il-mains tal-ilma, liema xogħlijiet saru bi ftehim mal-kuntrattur u l-Water Service Corporation, il-Kunsill għamilha ċara li l-Kunsill ma kienx parti minn dan il-ftehim u li l-Perit tal-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni li jiċċertifika x-xogħol li sar peress li la l-kuntrattur u l-anqas il-WSC ma infurmaw lill-Kunsill dwar dan.

Il-Kunsill qabel li din is-sitwazzjoni dwar ix-xogħlijiet li saru dwar mains tal-ilma tiġi trattata direttament mal-WSC sabiex wara l-Kunsill ikun jista' jieħu d-deċiżjoni tiegħu kif ikun il-każ.

## 2.0 Għeluq tal-laqgħa

2.1 Il-Laqgħa għalqet fit-8.15p.m. peress li l-materja ta' din il-laqgħa ġiet eżawrita.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv
Approvati: _______________

John-Mary Calleja
Sindku